**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 6 ta' Awwissu 2024**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 338/2024 JVC**

**Avv. Kirk Brincau (K.I. 572092M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' Giacomo Panaro detentur tal-passaport Taljan bin-numru YA8390728**

**vs**

**Latin Lease Limited (C-71598)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avv. Kirk Brincau nomine prezentat bil-procedura tal-giljottina datat 26 ta' Marzu 2024 li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi l-attur inħatar bħala direttur ta' Latin Lease Limited fit-8 ta' Mejju tas-sena 2017 u serva bħala direttur sal-5 ta' Lulju tas-sena 2023 (Form K relatat mall-ħatra u risegna qiegħdin jiġu annessi u mmarkati bħala **Dok GP1** u **GP10**);

2. Illi l-attur inħatar bħala Direttur wara ftehim iffirmat bejn il-partijiet fejn ġie miftiehem li l-attur kellu rimunerazzjoni fis-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) fis-sena għall-irwol tiegħu bħala direttur tas-soċjeta konvenuta (anness u mmarkat bħala **Dok GP3**);

3. Illi waqt li kien Direttur tas-soċjeta konvenuta, l-attur ipprovda wkoll servizzi ta' konsulenza lill-istess soċjeta konvenuta liema servizzi marru lil hinn mill-irwol u l-ingaġġ tiegħu bħala direttur;

4. Illi kien miftiehem bejn il-partijiet illi l-attur kellu jirċievi rimunerazzjoni fis-somma ta' mitejn ewro (€200.00) fis-siegħa għal servizzi mgħotija oltre l-kariga tiegħu ta' Direttur mas-soċjeta;

5. Illi madanakollu s-soċjeta konvenuta naqset milli tħallas għas-servizzi ta' Direttorat kif ukoll għas-servizzi ta' konsulenza pprovduti mill-bidu ta' Jannar tal-2020 sal-5 ta'

Lulju tal-2023 kif kunsidrati wkoll mill-fatturi maħrupa taħt *trade name* JP Consulting;

6. Illi b'kollox l-attur huwa dovut is-somma ta' sbatax-il elf u ħamest mitt ewro (€17,500) bħala servizzi ta' Direttorat, sitta u tletin elf u mitejn ewro (€36,200) għal servizzi ta' konsulenza u sitt mitt ewro (€600.00) għal servizzi ta' telefonija u posta/spejjeż imġarba u pprovduti mill-2020;

7. Illi s-suespost kunsidrat l-attur huwa dovut is-somma ta' erbgħa u ħamsin elf u tlett mitt ewro (€54,300) mis-soċjeta konvenuta li naqset millli tħallas l-imsemmi ammont mingħajr ebda raġuni valida u fil-liġi u dan minkejja diversi talbiet għall-ħlas;

8. Illi dan l-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf u tlett mitt ewro (€54,300) huwa ċert, likwidu u dovut;

9. Illi sa fejn jaf l-attur ma teżisti l-ebda difiża li tista' titqajjem mis-soċjeta konvenuta b'kontestazzjoni tat-talbiet li qed isiru u b'hekk jeżistu r-rekwiżiti kollha fil-liġi sabiex il-Qorti tipproċedi sommarjament skont l-Artiklu 167 tal- Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**GĦALDAQSTANT,** l-attur qed jitlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, għar-raġunijiet premessi:

(i) Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tal-attur fl-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf u tlett mitt ewro (€54,300);

(iii) Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lill-attur s-somma ta' erbgħa u ħamsin elf u tlett mitt ewro (€54,300);

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta'sekwestru numru ________ u bl-imgħax legali sal-jum tal-pagament effettiv, kontra s-soċjeta' konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.'

Rat illi s-socjeta' intimata Latin Lease Limited giet debitament notifikata permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, bl-ahhar pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali tkun dik datata 22 ta' Lulju 2024.

Rat illi s-socjeta' intimata debitament imsejha diversi drabi ma dehritx.

Rat illi fis-seduta tallum stess ir-rikorrent nomine kkonferma li l-ammont pretiz ghadu dovut.

Rat ukoll illi fil-verbal tallum ir-rikorrenti talab lill-Qorti tghaddi ghad-decizjoni.

Illi in vista li s-socjeta' intimata naqset sabiex tidher biex tikkontesta l-kaz odjern, il-Qorti ser tghaddi mill-ewwel sabiex tilqa' l-ewwel

talba tar-rikorrenti sabiex tipprocedi ghad-decizjoni taghha bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-mertu l-Qorti rat il-kontenut kollu tar-rikors guramentat tar-rikorrent nomine. Rat l-affidavit tar-rikorrent nomine fl-atti li jispjega stadju wara stadju x'kien il-ftehim bejn il-partijiet u kif l-ammonti pretizi saru dovuti. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors guramentat minn fejn jirrizulta li l-ammonti kif pretizi johorgu mill-istess dokumentazzjoni bhala dovuti. Illi in oltre fin-nuqqas ta' kontestazzjoni din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr illi tghaddi sabiex tilqa' it-talba odjerna kif dedotta.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tal-attur fl-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf u tlett mitt ewro (€54,300);

3. Tilqa' it-tielet tabla u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lill-attur s-somma ta' erbgħa u ħamsin elf u tlett mitt ewro (€54,300);

Bl-ispejjez kif mitluba, inkluz tal-mandat ta' sekwestru fil-konfront tas-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**6 ta' Awwissu 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Awwissu 2024**